MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta ta' l-20 ta' Frar, 2003

Numru. 522/2002

Il-Pulizija
(Spettur Simon Galea)
(Spettur Dennis Theuma)
vs
Caroline Formosa

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata fuq imsemmija Caroline Formosa, detentrici tal-karta tal-idenita bin-numru 664259M, li permezz taghhom hija giet akkuzata talli f'dawn il-Gzejjer fix-xahar ta' Lulju 2001 u Awissu 2001 b'diversi atti maghmulin minnha li jiksru l-istess dispozzizjonijiet tal-ligi li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, iddenunzjat lill-Pulizija Ezekuttiva reat li taf li ma sarx, inkella bil-qerq holqot tracci ta' reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar u dan bi ksur tal-artikoli 18 u 110 (2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni;

Issibha hatja, u dan wara illi rat l-Artikoli 18, 21 u 110(2) tal-Kap. 9.

Ikkunsidrat ghall-fini ta’ piena l-fatt illi l-imputata ikkoperat ferm mal-pulizija matul l-investigazzjoni, irregistrat ammissjoni u ghandha fedina penali netta, hlief ghal kontravenzjoni ta’ traffiku, ghalhekk, wara li rat l-Artikolu 9 tal-Kap. 152, filwaqt illi tilliberaha tobbligaha illi ma taghmel l-ebda reat iehor ghal perjodu ta’ sitt xhur millum. Il-Qorti mhijiex ser tapplika d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 109 tal-Kap. 9 u dana peress illi hija gurisprudenza kostanti illi liberazzjoni taht kondizzjoni mhijiex meqjusa bhala piena ghal din il-fini.

--------------------------------TMIEM--------------------------------